# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 34**

**Avviz numru 174/01/SM**

**Emanuel Muscat**

**vs**

**Gerald Sultana u Alex Buttigieg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu lill-attur is-somma ta' tliet mija erba' u sebghin lira u tlieta u hamsin centezmu, (Lm374.53,0), bhala danni minnu sofferti f'incident awtomobilistiku li gara ghall-habta tas-1.00 p.m ta' l-1 ta' Awissu ta' l-1999 fi Triq Dawret it-Torri, Marsaskala, minhabba negligenza, imprudenza u vjolazzjoni tar-**

**regolamenti tas-sewqan, meta l-bus numru FBY-691 misjuqa mil-konvenut Alex Buttigieg baqghet diehla fuq il-vettura ta' l-atur numru LAI-545;**

**2. Il-konvenut Gerald Sultana, bhala sid il-bus, ippermetta lill-konvenut Alex Buttigieg biex isuq l-istess karozza tal-linja minghajr ma kien kopert bl-assigurazzjoni u b'hekk sar responsabbli 'in solidum' mas-sewwieq ghall-hlas tad-danni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-13 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut Alexander Buttigieg eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi fl-ewwel lok trid issir korrezzjoni f'isem il-konvenut stante li huwa jismu Alexander u mhux Alex Buttigieg;**

**2. Illi fit-tieni lok u preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**3. Illi fit-tielet lok, fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccepjent ma kienx negligenti, traskurat u osserva r-regolamenti kollha tat-traffiku meta kien qieghed isuq il-vettura FBY-691 u ghalhekk mhux responsabbli ghall-hsarat li allegatament sofra l-attur;**

**4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur irid jipprova li effettivament sofra xi danni u l-valur tal-istess danni salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat il-verbal datat it-3 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur talab iz-zieda hemm indikata fl-avviz odjern;**

**Rat id-digriet ta' l-istess data li permezz tieghu din il-qorti laqghet it-talba attrici;**

**Rat il-verbal tal-konvenut Buttigieg li permezz tieghu ta' ruhu b'notifikat bl-avviz kif korrett;**

**Rat ukoll il-verbal tar-rapprezentant legali tal-konvenut Sultana li nforma lill-qorti li kien qed jghati ruhu b'notifikat bl-avviz kif korrett;**

**Tirrileva li l-istess konvenut Sultana baqa' kontumaci;**

**Rat il-verbal ta' l-access minnha mizmum fis-27 ta' Mejju tas-sena 2002 fuq il-post fejn sehh l-incident awtomobilistiku in dizamina li ghalieh kienu prezenti l-attur assistit  u l-konvenut Buttigieg wkoll assistit;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati  bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh fl-1 t'Awissu ta' l-1999 ghall-habta tas-1.00 p.m. fi Triq Dawret it-Torri, Marsaskala, prorpju hdejn l-uscita tal-Germa Palace Hotel;**

2. **Illi l-vetturi involuti fl-incident de quo kienu wahda tal-marka Lada bin-numru ta' registrazzjoni LAI-545 misjuqa mill-attur Muscat u xarabank tal-linja bin-numru ta' registrazzjoni FBY-691 misjuq minn Alexander Buttigieg izda proprjeta' ta' Gerald Sultana;**

3. **Illi kif jirrizulta mil-iskizz ipprezentat fl-atti ta' din il-procedura li mhux xejn felici u mill-konstatazzjonijiet li saru waqt l-access jirrizulta s-segwenti:**

a. **Illi Triq Dawret it-Torri, Marsaskala hi t-triq ta' quddiem l-entratura principali tal-lukanda fuq imsemmija;**

b. **Illi biex min jippatrocinja din l-istess lukanda jkun jista' jaccedi ghaliha b'facilita' it-triq de quo ghandha bicca minnha rizervata bhala entratura ghall-istess lukanda;**

c. **Illi din il-parti tat-triq hekk rizervata ghal din il-lukanda li terga tippermetti lill-vetturi li jwasslu lin-nies fil-lukanda jergghu johorgu fit-triq pubblika hi kkontrollata billi jezisti 'stop sign' inpingi fl-art, ta' daqs konsiderevoli u iehor tal-metal imwahhal fl-gholi biex il-vetturi hergin mill-lukanda l-ewwel jippermettu l-precedenza lill-vetturi gejjin mill-lemin taghhom u meta jaraw li hu tajjeb, jipprocedu huma wkoll;**

4. **Illi in oltre jirrizulta li ftit aktar l-isfel minn dan l-isbokk tal-lukanda hemm ukoll 'stage' tal-karozzi tal-linja;**

5. **Illi jirrizulta li meta l-konvenut Buttigieg kien qed isuq ix-xarabank tieghu dan inspjegabbilment ghazel li ma jibqax jipprocedi fi triqtu ghall-istage fuq indikat u minflok inspjegabbilment ghazel li jidhol fl-ispazju ta' l-isbokk tal-lukanda imsemmija, probabbilment biex idur ma l-ewwel kantuniera fuq il-lemin biex b'hekk jifranka jdur dawra akbar kif jindika li kellu jghamel il-lokazzjoni ta' l-istage in dizamina;**

6. **Illi fil-mument li dan il-konvenut Buttigieg kien ser jibda jghamel din il-manuvra xejn ortodossa dahal fix-xena l-attur, li injar mill-manuvrar inutli u irregolari ta' l-istess konvenut ippretenda li jsuq fi triqtu minghajr perikolu;**

**7. Illi dan ma kellux ikun, ghaliex fil-hegga tal-konvenut Buttigieg biex iqassar ir-rotta li kellu jiehu kkaguna l-incident in dizamina;**

**8. Illi l-attur jirrizulta li kien miexi fi triqtu, b'velocita' zghira u bl-ebda mod ma jista' jinghad li seta' kien il-kawza ta' dan l-incident;**

**9. Illi l-ammont ta' danni sofferti mill-attur u minnu reklamati fl-avviz odjern huma regolarment ipprovati;**

**10. Illi jirrizulta li l-konvenut Buttigieg ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' skond il-ligi biex isuq xarabank tal-linja, (ara fol 61 u fol 63);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni sollevata mil-konvenut Buttigieg ghandu jinghad li ghalkemm sollevata hadd minn dawk ikkoncernati ma ndenjaw jindirizzaw din is-sottomissjoni;**

**Ghaldaqstant, stante li mhix pruvata din il-qorti qed tirrespingi din l-eccezzjoni, bl-ispejjez;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Buttigieg ghandu jinghad li din ukoll ma gietx debitament persegwita kif dovut;**

**Illi ghal din il-qorti, li semghet lill-istess konvenut jiddeponi, ratu prezenti fl-udjenzi quddiemha u osservatu waqt il-process, m'ghandha l-ebda dubju fuq l-identita' tieghu u konsegwentement qed tirrespingi din l-eccezzjoni ukoll, bl-ispejjez;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenut Buttigieg kien unikament responsabbli ghall-incident in dizamina stante li bil-manuvra inkonsweta tieghu dahal fil-vettura ta' l-attur u ikkagunalu d-danni minnu sofferti;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi illi:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Alex Buttigieg unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni fl-ammont ta' tlett mija u erba' u sebghin Lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu, (LM374.53,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Alex Buttigieg biex ihallas l-ammont ta' danni hekk likwidati lill-attur Emanuel Muscat, bl-ispejjez;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi rigward il-konvenut kontumaci Gerald Sultana tiddikjara li filwaqt li tirrespingi dik it-talba attrici limitatament fil-konfront tal-konvenut Sultana, tillibera lil dan l-istess konvenut Sultana mill-osservanza tal-gudizzju stante li hu estraneu ghall-akkadut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**